



Brussell, 25 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7002/20

ELARG 20
COWEB 35

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6954/20	
Nru dok. Cion:	COM(2020) 57 final, SWD(2020) 46 final and SWD(2020) 47 final
Suġġett:	IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI – ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u r-Repubblika tal-Albanija = konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni kif adottati mill-Kunsill bi proċedura bil-miktub fil-25 ta' Marzu 2020.

Iż-żewġ dikjarazzjonijiet tal-Kunsill li jakkumpanjawhom kif ukoll id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni ser ikunu inklużi fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala d-dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, kif ukoll id-dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara li waslet matul il-proċedura bil-miktub.

KUNSILL AFFARIJET ĠENERALI

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

DWAR IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

IR-REPUBBLIKA TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ U R-REPUBBLIKA TAL-ALBANJA

1. Fit-18 ta' Ġunju 2019 il-Kunsill ħa nota sew tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u r-Repubblika tal-Albanija. Il-Kunsill jinnota li t-tkabbir għe diskuss aktar fil-Kunsill Ewropew fis-17 u t-18 ta' Ottubru 2019, li ddeċieda li jerġa' lura għal din il-kwistjoni qabel is-summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Zagreb f'Mejju 2020.
2. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessalonika u d-Dikjarazzjoni ta' Sofija, il-Kunsill itenni l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li jibqa' l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded tal-2006 dwar it-tkabbir, ta' kondizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji. Relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati b'bona fide l-ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija bħala parti mill-proċess tat-tkabbir. Il-Kunsill jinnota wkoll l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem u li jiġu rrispettati d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi.

3. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni - Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" tal-5 ta' Frar 2020, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-proċess ta' adeżjoni billi tagħmlu aktar prevedibbli, aktar kredibbli, aktar dinamiku u soġġett għal direzzjoni politika aktar qawwija, ibbażat fuq kriterji oġġettivi u kondizzjonalità rigoruża pożittiva u negattiva, u riversibbiltà. Ir-riformi fundamentali fid-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ekonomija jirrappreżentaw l-oġġettiv ewlieni tal-proċess ta' adeżjoni. Il-Kunsill jistenna b'interess il-proposti tal-Kummissjoni li jimplimentaw l-approċċ imsaħħaħ f'oqfsa ta' negozjar futuri u abbażi tal-prattika stabbilita applikabbli skont il-kunsens imġedded dwar it-tkabbir. Il-bidliet proposti jistgħu jiġu aċċettati fl-oqfsa ta' negozjar eżistenti mal-Montenegro u mas-Serbja bil-qbil tal-pajjiżi rispettivi.
4. Filwaqt li jqis dan, il-Kunsill jikkonferma li l-proċess ta' tkabbir mibni fuq il-fiduċja reċiproka, il-kunfidenza u kriterji u impenji ċari ser jitkompla abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" kif applikabbli, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-integrità tal-ħidma tal-Kunsill u l-awtonomija tiegħu fir-rigward tal-preżenza ta' partijiet terzi fil-laqgħat tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp proprju tagħha, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda.

IR-REPUBBLIKA TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ

5. Wara li eżamina r-rapport aġġornat tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-progress li sar mir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-pajjiż wera d-determinazzjoni tiegħu li javvanza l-aġenda ta' riforma tal-UE u li ta riżultati tanġibbli u sostnuti, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill ta' Ġunju 2018 għall-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni.
6. Fid-dawl tal-progress miksub fir-riformi u fl-issodisfar tal-kondizzjonijiet stabbiliti unanimament mill-Kunsill f'Ġunju 2018, il-Kunsill, soġġett għall-approvazzjoni mill-membri tal-Kunsill Ewropew, **jiddeċiedi li jiftaħ in-negozjati ta' adeżjoni mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.**

7. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal qafas għal negozjati li tikkonforma mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006, li tintegra l-approċċ imsaħħaħ għall-proċess ta' adeżjoni f'konformità mal-paragrafu 3. Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma preparatorja meħtieġa minnufih.
8. L-ewwel konferenza intergovernattiva għandha titlaqqa' mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar mill-Kunsill.

Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja l-progress u l-konformità kontinwa fl-oqsma kollha tal-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill f'Ġunju 2018 relatati mal-ftuħ tan-negozjati u twettaq u tlesti l-proċess ta' eżami analitiku tal-*acquis* tal-UE mal-pajjiż, ibda mill-oqsma fundamentali.

IR-REPUBBLIKA TAL-ALBANIJA

9. Wara li eżamina r-rapport aġġornat tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-progress li sar mir-Repubblika tal-Albanija, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-pajjiż wera d-determinazzjoni tiegħu li javvanza l-aġenda ta' riforma tal-UE u li ta riżultati tanġibbli u sostnuti, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill ta' Ġunju 2018 għall-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni.
10. Fid-dawl tal-progress miksub fir-riformi u fl-issodisfar tal-kondizzjonijiet stabbiliti unanimament mill-Kunsill f'Ġunju 2018, il-Kunsill, soġġett għall-approvazzjoni mill-membri tal-Kunsill Ewropew, **jiddeċiedi li jiftaħ in-negozjati ta' adeżjoni mar-Repubblika tal-Albanija.**

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal qafas għal negozjati li tikkonforma mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006, li tintegra l-approċċ imsaħħaħ għall-proċess ta' adeżjoni f'konformità mal-paragrafu 3. Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma preparatorja meħtieġa minnufih.

L-ewwel konferenza intergovernattiva għandha titlaqqa' mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar mill-Kunsill.

Qabel l-ewwel konferenza intergovernattiva, l-Albanija għandha tadotta r-riforma elettorali b'mod sħiħ f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR, billi tiżgura finanzjament trasparenti tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tar-riforma ġudizzjarja, inkluż li jiġi żgurat il-funzjonament tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Għolja, b'kont meħud tal-għarfien espert internazzjonali inkluż opinjonijiet applikabbli tal-Kummissjoni ta' Venezja, u tiffinalizza l-istabbiliment ta' strutturi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. L-Albanija għandha wkoll issaħħaħ aktar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u permezz tal-pjan ta' azzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). L-indirizzar tal-fenomeni tal-applikazzjonijiet għall-asil mingħajr raġuni valida u l-iżgurar ta' ripatrijazzjonijiet u ta' emendar tal-liġi dwar il-media f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja jibqgħu prijoritajiet importanti. Il-Kummissjoni ser tipprovdi rapport dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż il-progress rigward ir-rekord, meta tippreżenta l-qafas ta' negozjar.

Il-qafas ta' negozjar ser jiġi adottat mill-Kunsill u għandu jirrifletti li l-Albanija indirizzat b'suċċess il-ħames prijoritajiet ewlenin kollha, bħal pereżempju l-bidu ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallfin u l-prosekuturi akkużati b'kondotta kriminali matul il-proċess ta' skrutinju, il-bidu ta' proċedimenti kontra dawk akkużati bix-xiri ta' voti, rekord sod rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-livelli kollha, inkluż il-bidu ta' proċedimenti u t-tlestija tal-ewwel proċedimenti kontra uffiċjali pubbliċi għolja u politiċi, progress tanġibbli fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-implimentazzjoni tar-riforma tal-liġi elettorali kif ukoll deċiżjoni finali dwar il-legalità tal-elezzjonijiet lokali tat-30 ta' Ġunju 2019, u progress ulterjuri fl-adozzjoni tal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni li fadal relatata mal-liġi qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, l-adozzjoni tal-liġi dwar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, u l-avvanz tal-proċess tar-reġistrazzjoni tal-proprjetajiet.

Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja l-progress u l-konformità fl-oqsma kollha relatati mal-ftuħ tan-negozjati u twestaq u tlesti l-proċess ta' eżami analitiku tal-*acquis* tal-UE mal-pajjiż, ibda mill-oqsma "fundamentali".